KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fis-16 ta' Diċembru 2021 [1]

Kawża C-568/20

J
vs
H Limited

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* – Deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru – Ċertifikat li jikkonferma n-natura eżekuttiva tad-deċiżjoni – Raġunijiet għal rifjut ta' eżekuzzjoni – Ksur tal-ordni pubbliku fl-Istat Membru indirizzat – Ksur ta' regola tad-dritt tal-Unjoni – Raġunijiet għal rifjut ta' eżekuzzjoni previsti mil-liġi tal-Istat Membru indirizzat"

1. Wara l-ħruġ, mill-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini, taċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 [2], li jiċċertifika n-natura eżekuttiva tad-deċiżjoni mogħtija u l-applikabbiltà ta' dan ir-regolament, tista' l-qorti tal-Istat Membru indirizzat, adita b'talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni mill-persuna li kontriha qiegħda tintalab l-eżekuzzjoni, tilqagħha fuq il-bażi ta' evalwazzjoni żbaljata dwar l-applikabbiltà tal-imsemmi regolament, sa fejn il-proċedura segwita quddiem il-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini kienet intiża sabiex tiddikjara eżekuttivi sentenzi mogħtija fi Stat terz? Din hija l-kwistjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha twieġeb f'din il-kawża.

I. Il-kuntest ġuridiku

2. L-Artikoli 2, 39, 41, 42, 45, 46, 52 u 53 tar-Regolament Nru 1215/2012 huma rilevanti fil-kuntest ta' din il-kawża.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1).

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

3. Wara rikors ippreżentat minn H Limited, istituzzjoni bankarja, ibbażat fuq żewġ sentenzi mogħtija fil-Ġordan matul is-sena 2013 li kkundannaw lil J, min issellef, għall-ħlas tal-bilanċ ta' debitu ta' żewġ tranżazzjonijiet ta' self, il-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja (Ingilterra u Wales), Sezzjoni tal-Queen's Bench, ir-Renju Unit (iktar 'il quddiem il-"High Court of Justice")), b'digriet tal-20 ta' Marzu 2019 u fil-kuntest ta' proċedura sommarja, ordnat lil J jħallas lil H Limited is-somma ta' 10 392 463 dollaru Amerikan (USD), miżjuda b'USD 5 422 031.65 għall-interessi u 125 000 lira sterlina (GBP) għall-ispejjeż. Din il-qorti stabbilixxiet ukoll u mbagħad ħarġet iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 53 tar-Regolament Nru 1215/2012 (iktar 'il quddiem iċ-"ċertifikat").

4. H Limited bdiet proċedura għall-eżekuzzjoni ta' dan id-digriet fl-Awstrija, fejn huwa ddomiċiljat J, li, fuq il-bażi tal-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament Nru 1215/2012, ressaq talba għar-rifjut tal-eżekuzzjoni. Insostenn tagħha, huwa invoka ksur tal-ordni pubbliku Awstrijak[3] u sostna li l-imsemmi digriet għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija fi Stat terz ma kienx jikkostitwixxi deċiżjoni eżekuttiva fis-sens tar-Regolament Nru 1215/2012. Huwa sostna li, fil-kuntest tal-proċedura għal rifjut ta' eżekuzzjoni, il-qorti tal-Istat Membru indirizzat (iktar 'il quddiem il-"qorti indirizzata") ma hijiex marbuta biċ-ċertifikat maħruġ mill-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini (iktar 'il quddiem il-"qorti tal-oriġini").

5. Fl-ewwel istanza, il-Bezirksgerichts Freistadt (il-Qorti Distrettwali ta' Freistadt, l-Awstrija) awtorizzat, permezz ta' digriet tad-9 ta' Ottubru 2019, lil H Limited tipproċedi bl-eżekuzzjoni tad-digriet tal-20 ta' Marzu 2019 tal-High Court of Justice. Fil-kwalità tagħha ta' qorti tal-appell, il-Landesgericht Linz (il-Qorti Reġjonali ta' Linz, l-Awstrija) ċaħdet, b'deċiżjoni tat-22 ta' Ġunju 2020, l-appell ippreżentat minn J.

6. Wara l-appell eċċezzjonali ta' reviżjoni ippreżentat minn J mid-deċiżjoni tal-qorti tal-appell, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) iddeċidiet, b'digriet tat-23 ta' Settembru 2020, li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi li ġejjin għal deċiżjoni preliminari:

"1. Id-dispożizzjonijiet tar-[Regolament Nru 1215/2012], b'mod partikolari l-Artikolu 2(a) u l-Artikolu 39 tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jkun hemm deċiżjoni eżegwibbli anki meta, wara eżami sommarju fil-kuntest ta' proċedura kontradittorja li madankollu jikkonċerna biss in-natura ta' *res judicata* ta' sentenza mogħtija kontra l-parti indikata bħala debitur skont titolu eżekuttiv, din tal-aħħar tkun obbligata tħallas lill-parti li tirbaħ il-kawża mressqa fl-Istat terz id-dejn irrikonoxxut f'dan l-Istat terz permezz ta' sentenza li tkun saret definittiva, f'sitwazzjoni fejn l-iskop tal-proċedura fl-Istat Membru jkun limitat għal eżami tal-eżistenza ta' dritt mislut minn sentenza li tkun saret definittiva fil-konfront tal-parti li tkun qiegħda toġġezzjona għall-eżekuzzjoni?

2. Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda:

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1215/2012, b'mod partikolari l-Artikolu 1, l-Artikolu 2(a), l-Artikolu 39, l-Artikolu 45, l-Artikolu 46 u l-Artikolu 52, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-eżekuzzjoni għandha tiġi miċħuda, irrispettivament mill-eżistenza ta' waħda mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 1215/2012, meta d-deċiżjoni li

[3] Punt 18 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

jkollha tiġi eżaminata ma tkunx deċiżjoni fis-sens tal-Artikolu 2(a), jew tal-Artikolu 39 tar-Regolament Nru 1215/2012, jew meta l-pretensjoni li fuqha tkun ibbażata d-deċiżjoni fl-Istat Membru ta' oriġini ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012?

3. Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda u ta' risposta affermattiva għat-tieni domanda:

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1215/2012, b'mod partikolari l-Artikolu 1, l-Artikolu 2(a), l-Artikolu 39, l-Artikolu 42(1)(b), l-Artikolu 46 u l-Artikolu 53, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest tal-proċedura dwar it-talba sabiex tiġi miċħuda l-eżekuzzjoni, il-qorti tal-Istat Membru indirizzat għandha, anki fuq il-bażi tad-data kkomunikata mill-qorti tal-oriġini fiċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 53 tar-Regolament Nru 1215/2012, tikkunsidra neċessarjament li hemm deċiżjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u li għandha tiġi eżegwita?"

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

7. Ir-rikorrenti u l-konvenuti fil-kawża prinċipali, il-Gvern Ġermaniż kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

IV. Analiżi

A. Fuq il-portata tat-talba għal deċiżjoni preliminari

8. Għalkemm id-deċiżjoni tar-rinviju fiha tliet domandi għal deċiżjoni preliminari formalment distinti, huma, fil-fehma tiegħi, marbuta mill-qrib u jaqgħu taħt l-istess kwistjoni legali, jiġifieri dik tal-kundizzjonijiet li taħthom il-qorti indirizzata tista' tilqa' talba ta' rifjut ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini minħabba l-inapplikabbiltà tar-Regolament Nru 1215/2012 minkejja li din it-tieni qorti tkun ħarġet ċertifikat li jikkonferma l-eżegwibbiltà tagħha.

9. Għalhekk nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina flimkien dawn it-tliet domandi, ifformulati mill-ġdid kif ġej:

"Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1215/2012 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jawtorizzaw lill-qorti tal-Istat Membru indirizzat, adita b'talba għal rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 46 tiegħu, biex tikkunsidra, kuntrarjament għall-evalwazzjoni tal-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini abbażi tal-ħruġ taċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 53 tiegħu, li dan ir-regolament huwa inapplikabbli għar-raġuni li l-proċedura segwita quddiem din it-tieni qorti kienet intiża biex tiddikjara eżekuttivi sentenzi mogħtija f'materji ċivili u kummerċjali fi Stat terz u, konsegwentement, li tirrifjuta l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti msemmija?"

10. Din id-domanda teżiġi evalwazzjoni tal-eżistenza, f'dan il-każ, ta' deċiżjoni eżekuttiva, u għalhekk tal-portata taċ-ċertifikat, qabel dik tal-prerogattivi tal-qorti indirizzata adita b'talba għal rifjut ta' eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni, kif iddefiniti mir-Regolament Nru 1215/2012.

B. Fuq l-eżistenza ta' deċiżjoni eżekuttiva fis-sens tar-Regolament Nru 1215/2012

11. Fir-rigward tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali fl-ispazju ġudizzjarju Ewropew, l-innovazzjoni ewlenija tas-sistema stabbilita mir-Regolament Nru 1215/2012 tirriżulta mingħajr dubju mit-tneħħija tal-*exequatur*. Għalhekk, l-Artikolu 39 ta' dan ir-regolament jipprovdi li kull "sentenza mogħtija fi Stat Membru li hija eżegwibbli f'dak l-Istat Membru għandha tkun eżegwibbli fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà". Din id-dispożizzjoni għandha tinqara fid-dawl tal-premessa 26 tal-imsemmi regolament, li tgħid li kull deċiżjoni mogħtija mill-qrati ta' Stat Membru għandha tiġi ttrattata bħallikieku kienet ingħatat fl-Istat Membru indirizzat.

12. Fil-qafas ta' din is-sistema l-ġdida ta' eżekuzzjoni diretta tad-deċiżjonijiet, iċ-ċertifikat maħruġ mill-qorti tal-oriġini għandu rwol ewlieni. Jirriżulta, fil-fatt, mid-dispożizzjonijiet ikkombinati tal-Artikoli 37 u 42 tar-Regolament Nru 1215/2012 li, għall-finijiet tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni, fi Stat Membru, ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor, ir-rikorrent għandu jipproduċi biss kopja tad-deċiżjoni kkonċernata flimkien ma' dan iċ-ċertifikat. Skont l-Artikolu 42(1)(b) ta' dan ir-regolament, l-imsemmi ċertifikat jikkonferma li d-deċiżjoni msemmija iktar 'il fuq hija eżekuttiva u fih estratt minnha kif ukoll, fejn xieraq, l-informazzjoni utli dwar l-ispejjeż rimborsabbli tal-proċedura u l-kalkolu tal-interessi. Jiġi nnotifikat jew imwassal, qabel kull eżekuzzjoni, lill-persuna li kontriha tintalab din l-eżekuzzjoni, bis-saħħa tal-Artikolu 43(1) tal-imsemmi regolament [4]. F'dan il-kuntest, u fuq stedina tal-Avukat Ġenerali Bot [5], iċ-ċertifikat ġie kklassifikat mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala bażi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' eżekuzzjoni diretta tad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri li jagħmlu d-deċiżjoni inkwistjoni xierqa biex tiċċirkola liberament fl-ispazju ġudizzjarju Ewropew [6].

13. Biex jikseb dan iċ-ċertifikat, ir-rikorrent għandu jindirizza ruħu lill-qorti tal-oriġini li hija dik li tat id-deċiżjoni li l-eżekuzzjoni tagħha qiegħda tintalab [7], li tkun taf l-aħjar it-tilwima u li, fir-rigward tal-mertu, tkun ukoll fl-aħjar pożizzjoni biex tikkonferma li d-deċiżjoni hija eżekuttiva. Meta toħroġ tali ċertifikat fi tmiem ta' proċedura ta' natura ġudizzjarja [8], il-qorti tal-oriġini tikkonferma impliċitament li s-sentenza li għandha tiġi rrikonoxxuta u eżegwita fi Stat Membru ieħor taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012, peress li l-ħruġ taċ-ċertifikat huwa possibbli biss taħt din il-kundizzjoni. Għalhekk, f'sitwazzjoni fejn il-qorti li tkun tat id-deċiżjoni li għandha tiġi eżegwita ma tkunx iddeċidiet, fl-istadju tas-sentenza, dwar l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 1215/2012, din il-qorti għandha, fl-istadju tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, tivverifika jekk il-kawża taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament [9].

14. F'dan il-każ, huwa aċċettat li l-qorti tal-oriġini stabbilixxiet u ħarġet iċ-ċertifikat mid-digriet tagħha tal-20 ta' Marzu 2019, li għalhekk huwa inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012. F'dawn iċ-ċirkustanzi, teżisti, *a priori*, deċiżjoni eżekuttiva mogħtija fi Stat Membru [10] fis-sens tal-Artikolu 2(a) u tal-Artikolu 39 tar-Regolament Nru 1215/2012 li taqa' taħt is-sistema ta' eżekuzzjoni diretta prevista fih, realtà fattwali li torbot lill-qorti indirizzata.

4 Sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Gradbeništvo Korana (C-579/17, EU:C:2019:162, punt 36).

5 Konklużjonijiet fil-kawża Gradbeništvo Korana (C-579/17, EU:C:2018:863, punt 44).

6 Sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Gradbeništvo Korana (C-579/17, EU:C:2019:162, punti 37 u 39).

7 Artikolu 2(f) tar-Regolament Nru 1215/2012.

8 Sentenza tal-4 ta' Settembru 2019, Salvoni (C-347/18, EU:C:2019:661, punt 31).

9 Sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Gradbeništvo Korana (C-579/17, EU:C:2019:162, punti 38 u 40).

10 Bis-saħħa tal-Artikolu 67(2)(a) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2019, C 384 I, p. 1) u fid-dawl tad-data tal-adozzjoni tiegħu, jiġifieri l-20 ta' Marzu 2019, id-digriet ikkontestat mogħti minn qorti Ingliża ma jikkostitwixxix deċiżjoni ta' Stat terz.

15. Il-kwistjoni mqajma fit-talba għal deċiżjoni preliminari hija, fil-fatt, dik tal-kundizzjonijiet li fihom din il-qorti tista' tpoġġi f'dubju tali sitwazzjoni minħabba evalwazzjoni allegatament żbaljata mill-qorti tal-oriġini dwar l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 1215/2012, li tivvizzja l-ħruġ taċ-ċertifikat b'irregolarità. Minn din it-talba jirriżulta li l-qorti tar-rinviju tqis li kontroll fuq dan il-punt jista' jwassal għal rifjut ta' eżekuzzjoni anki mingħajr ebda konstatazzjoni ta' waħda mir-raġunijiet għal rifjut previsti fl-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 1215/2012.

C. Fuq il-possibbiltà ta' rifjut ta' eżekuzzjoni mmotivat mill-inapplikabbiltà tar-Regolament Nru 1215/2012

16. Is-soluzzjoni tal-problema msemmija iktar 'il fuq hija bbażata fuq analiżi tas-sistema legali tar-rifjut ta' eżekuzzjoni stabbilita mir-Regolament Nru 1215/2012. Jibqa' l-fatt li, sabiex issostni l-affermazzjoni ta' kontroll eventwali tal-evalwazzjonijiet fuq l-applikabbiltà ta' dan ir-regolament magħmula mill-qorti ta' oriġini, il-qorti tar-rinviju u l-Gvern Ġermaniż jirreferu għal ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kontroll taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 [11].

1. Fuq ir-rilevanza tal-ġurisprudenza dwar il-kontroll taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 44/2001

17. Għandu jitfakkar li r-Regolament Nru 44/2001 kien jeħtieġ li r-rikorrent għall-eżekuzzjoni jitlob, bħala punt preliminari, il-ħruġ mill-qorti jew mill-awtorità tal-Istat Membru indirizzat dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva. Dan ir-rikors kellu jkun akkumpanjat b'kopja tad-deċiżjoni kkonċernata u, fejn ikun il-każ, iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 44/2001, b'dawn iż-żewġ dokumenti jkunu s-suġġett, skont il-premessa 17 ta' dan ir-regolament, ta' kontroll formali sempliċi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-awtoritajiet tal-Istat Membru indirizzat kellhom, fl-ewwel stadju tal-proċedura, jillimitaw ruħhom għall-kontroll tat-tlestija ta' dawn il-formalitajiet għall-fini tal-ħruġ tad-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva tad-deċiżjoni u, fit-tieni stadju tal-proċedura, għall-evalwazzjoni tal-fondatezza tar-rikors ġudizzjarju, jekk ikun hemm, ippreżentat mill-konvenut għall-eżekuzzjoni kontra din id-dikjarazzjoni fid-dawl tar-raġunijiet ta' kontestazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 34 u 35 tar-Regolament Nru 44/2001 [12].

18. F'dan il-kuntest, ġie ppreċiżat li xejn ma kien jipprojbixxi lill-qorti tal-Istat Membru indirizzat milli tivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni fattwali li tinsab fiċ-ċertifikat. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li dan il-kontroll kien iġġustifikat fil-fatt li, peress li l-awtur taċ-ċertifikat mhux neċessarjament jikkorrispondi ma' dak tad-deċiżjoni ta' oriġini, din l-istess informazzjoni setgħet tkun biss ta' natura purament indikattiva, li jkollha valur ta' sempliċi tagħrif. Din l-aħħar kunsiderazzjoni kienet toħroġ ukoll min-natura eventwali tal-produzzjoni ta' dan iċ-ċertifikat, bil-qorti tal-Istat Membru indirizzat, kompetenti biex toħroġ id-dikjarazzjoni ta' konstatazzjoni tas-saħħa eżekuttiva, tkun tista' taċċetta dokument ekwivalenti [13].

19. Minbarra l-portata redotta ħafna tal-kontroll hekk deskritt, din il-ġurisprudenza ma tistax tkun is-suġġett ta' applikazzjoni *mutatis mutandis* f'dan il-każ u wisq inqas ta' estrapolazzjoni, billi s-sistema l-ġdida ta' rikonoxximent u eżekuzzjoni li tirriżulta mir-Regolament Nru 1215/2012 hija

[11] Regolament tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

[12] Sentenza tas-6 ta' Settembru 2012, Trade Agency (C-619/10, EU:C:2012:531, punti 28 sa 31).

[13] Sentenza tas-6 ta' Settembru 2012, Trade Agency (C-619/10, EU:C:2012:531, punti 35 u 36).

differenti b'mod sinjifikattiv mill-predeċessur tagħha. Dan ir-regolament għalhekk elimina l-pass ta' qabel l-eżekuzzjoni fl-Istat Membru indirizzat tad-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva, billi saret obbligatorja l-komunikazzjoni taċ-ċertifikat li jikkonferma n-natura eżekuttiva tad-deċiżjoni, fdata biss lill-qorti tal-oriġini, li għandha l-aħjar għarfien tat-tilwima, biex tieħu ħsieb li tistabbilixxih u ma tinkludi ebda premessa ekwivalenti għall-premessa 17 tar-Regolament Nru 44/2001.

20. B'mod radikali, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, fil-punt 35 tas-sentenza Weil [14], li l-proċedura ta' eżekuzzjoni, skont ir-Regolament Nru 44/2001, tipprekludi, "bħall-eżekuzzjoni skont ir-Regolament Nru 1215/2012, kull stħarriġ ulterjuri min-naħa ta' qorti tal-Istat Membru rikjest fuq il-kwistjoni dwar jekk l-azzjoni li wasslet għad-deċiżjoni li hija mitluba l-eżekuzzjoni tagħha taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001, peress li l-motivi għal rikors kontra d-dikjarazzjoni dwar is-saħħa eżekuttiva ta' din id-deċiżjoni huma previsti b'mod eżawrjenti minn dan ir-regolament".

21. Il-kontenut ta' dan il-punt iqajjem mistoqsijiet serji li fil-fehma tiegħi għandhom jeskludu l-kunsiderazzjoni tiegħu f'din il-kawża. Nirrileva li l-punt ikkonċernat jindirizza problema li ma kinitx direttament din imqajma mid-domanda preliminari, jiġifieri l-interpretazzjoni tal-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 44/2001 għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' kontroll mill-awtorità kompetenti dwar l-applikabbiltà ta' dan ir-regolament qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat previst f'din id-dispożizzjoni. L-informazzjoni li tinsab fih jidhirli li tikkostitwixxi raġuni superfluwa għal soluzzjoni diġà mmotivata fil-punt 33 tas-sentenza inkwistjoni.

22. Fi kwalunkwe każ, ir-Regolament Nru 1215/2012 ma kienx applikabbli *ratione temporis* u sempliċi riferiment għalih, fil-kuntest ta' evalwazzjoni komparattiva mingħajr ebda spjegazzjoni, ma tistax titqies bħala li tikkostitwixxi preċedent utli, tali li jagħlaq id-dibattitu dwar il-firxa tal-ġurisdizzjoni tal-qorti indirizzata, speċjalment peress li s-sistemi għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet stabbiliti bir-Regolamenti Nru 44/2001 u Nru 1215/2012 huma differenti b'mod sinjifikattiv [15].

2. Fuq ir-raġunijiet għar-rifjut ta' eżekuzzjoni previsti mir-Regolament Nru 1215/2012

a) Kunsiderazzjonijiet preliminari

23. Jidhirli li huwa meħtieġ, preliminarjament, li nagħmel diversi osservazzjonijiet dwar is-sistema legali tar-rifjut ta' eżekuzzjoni, relattivament kumplessa, stabbilita mir-Regolament Nru 1215/2012.

24. Fl-ewwel lok, seta' jiġi osservat fid-duttrina li, fil-qafas tar-Regolament Nru 1215/2012, hija l-persuna kkundannata li trid tirreaġixxi sabiex titlob rifjut ta' eżekuzzjoni billi tinvoka raġuni ammessa minn dan ir-regolament u li, mingħajr reazzjoni mill-parti interessata, is-sentenza bl-ebda mod ma tiġi kkontrollata [16], li wassal għall-konklużjoni ta' kontroll tas-sentenzi

[14] Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, Weil (C-361/18, EU:C:2019:473).

[15] Hija ġurisprudenza stabbilita li, sa fejn ir-Regolament Nru 1215/2012 iħassar u jissostitwixxi r-Regolament Nru 44/2001, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-aħħar regolament tapplika wkoll għar-Regolament Nru 1215/2012 iżda biss meta d-dispożizzjonijiet ta' dawn iż-żewġ strumenti tad-dritt tal-Unjoni jistgħu jiġu kklassifikati bħala "ekwivalenti" (sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Gradbeništvo Korana (C-579/17, EU:C:2019:162, punt 45)), li, f'din il-kawża, ma huwiex il-każ għad-dispożizzjonijiet relatati maċ-ċertifikat.

[16] Ferrand F., "Reconnaissance et exécution des jugements européens en matière civile et commerciale", *Droit et pratique de la procédure civile*, Dalloz action, Kapitolu 541-243.

"pprivatizzat għal kollox"[17]. Fl-istess linja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sistema tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji stabbilita mir-Regolament Nru 1215/2012 hija bbażata fuq l-abolizzjoni tal-*exequatur*, li jfisser li l-ebda kontroll ma jiġi eżerċitat mill-qorti kompetenti tal-Istat Membru indirizzat; il-persuna li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni biss tista', f'dan ir-rigward, topponi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li tikkonċernaha[18]. Għalhekk jidher li, qabel it-talba għal rifjut ta' eżekuzzjoni u l-proċedura li din tibda, irregolata mit-Taqsima 3 tal-Kapitolu III tar-Regolament Nru 1215/2012, u *a fortiori* fin-nuqqas ta' tali talba, il-qorti indirizzata ma għandha ebda setgħa diskrezzjonali dwar id-deċiżjoni u ċ-ċertifikat adottati mill-qorti tal-oriġini[19].

25. Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, li huwa ta' importanza fundamentali fid-dritt tal-Unjoni, jeħtieġ, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li kull wieħed minn dawn l-Istati jqis, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, li l-Istati Membri l-oħra kollha jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti minn dan id-dritt. Kif jirriżulta mill-premessa 26 tar-Regolament Nru 1215/2012, is-sistema ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni prevista fih hija bbażata preċiżament fuq il-fiduċja reċiproka fil-ġustizzja fi ħdan l-Unjoni. Tali fiduċja teħtieġ, b'mod partikolari, li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji mogħtija fi Stat Membru jkunu rrikonoxxuti u eżegwiti *ipso jure* fi Stat Membru ieħor. F'din is-sistema, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1215/2012 li jistabbilixxu, b'mod eżawrjenti[20], ir-raġunijiet li jistgħu jipprekludu r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni għandhom jiġu interpretati b'mod strett sa fejn jikkostitwixxu ostakolu għat-twettiq ta' wieħed mill-għanijiet fundamentali ta' dan ir-regolament[21].

26. Il-ħames raġunijiet għal rifjut jirrigwardaw il-kontrarjetà manifesta mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru indirizzat, in-nuqqas ta' notifika tar-rikors promotur fil-ħin meta s-sentenza tingħata fil-kontumaċja, l-irrikonċiljabbiltà ma' deċiżjoni mogħtija bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru indirizzat, l-irrikonċiljabbiltà ma' deċiżjoni preċedenti mogħtija fi Stat ieħor kif ukoll in-nuqqas ta' osservanza ta' ċerti regoli ta' ġurisdizzjoni mill-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini. Din il-lista eżawrjenti ma tinkludi ebda riferiment għall-applikabbiltà tar-Regolament Nru 1215/2012 jew il-ksur tal-Artikolu 2(a) u tal-Artikolu 39 ta' dan ir-regolament li jirrikjedu li d-deċiżjoni li l-eżekuzzjoni tagħha tintalab tingħata fi Stat Membru.

27. Fit-tielet lok, mir-Regolament Nru 1215/2012 jirriżulta li l-leġiżlatur Ewropew ipprovda għall-koeżistenza ta' żewġ tipi ta' raġunijiet għal rifjut ta' eżekuzzjoni, jiġifieri dawk imsemmija b'mod ġeneriku fl-Artikolu 41(2) ta' dan ir-regolament bħala r-"raġunijiet għar-rifjut jew għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni skont il-liġi tal-Istat Membru indirizzat", minn naħa, u dawk speċifiċi elenkati fl-Artikolu 45 tal-imsemmi regolament, li għandhom jinqraw flimkien

[17] D'Avout, L., "L'efficacité internationale des jugements après la refonte du règlement Bruxelles I", *Revue internationale de droit processuel*, Vol. 5, Nru 2, 2015, p. 258.

[18] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Gradbeništvo Korana (C-579/17, EU:C:2019:162, punt 36). It-tieni aċċenn tat-terminu "rikonoxximent" fil-punt 36 ta' din is-sentenza ma jidhirlix li huwa korrett u l-kliem tiegħu ma ġiex irriprodott, sa fejn ir-rifjut tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni jista' jintalab minn kull parti interessata skont l-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 1215/2012.

[19] Tqum il-kwistjoni dwar jekk il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja timplikax il-konstatazzjoni ta' ġurisdizzjoni relatata tal-qorti indirizzata, fejn din tal-aħħar tkun tista' teżamina biss ir-raġunijiet għal rifjut ta' eżekuzzjoni eċċepiti mir-rikorrent, bl-esklużjoni ta' kull konstatazzjoni *ex officio*. Nirrileva, madankollu, li, skont l-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 1215/2012, sa fejn il-proċedura ta' rifjut ta' eżekuzzjoni ma hijiex irregolata minn dan ir-regolament, hija taqa' taħt il-liġi tal-Istat Membru indirizzat. Ladarba adita b'talba għal rifjut ta' eżekuzzjoni u l-appell jinbeda, il-prerogattivi tal-qorti tal-Istat Membru indirizzat, u b'mod iktar partikolari l-possibbiltà jew l-obbligu li tiġi eżaminata *ex officio* raġuni għal rifjut ta' eżekuzzjoni, huma għalhekk iddeterminati mir-regoli proċedurali ta' dan l-Istat.

[20] Sentenzi tas-6 ta' Settembru 2012, Trade Agency (C-619/10, EU:C:2012:531, punt 31) u tat-23 ta' Ottubru 2014, flyLAL-Lithuanian Airlines (C-302/13, EU:C:2014:2319, punt 46).

[21] Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Diageo Brands (C-681/13, EU:C:2015:471, punti 40 u 41).

mal-Artikolu 46 ta' dan tal-aħħar, min-naħa l-oħra, b'dawn raġunijiet ikunu marbuta bil-kompatibbiltà neċessarja tal-ewwel ma' tal-aħħar. Fid-dawl tal-artikolazzjoni adottata b'dan il-mod mil-leġiżlatur, jidhirli li huwa xieraq li l-ewwel jiġu eżaminati r-raġunijiet għal rifjut ta' eżekuzzjoni li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 45 u 46 ta' dan l-istess regolament u, b'mod iktar partikolari, dik dwar il-kontrarjetà mal-ordni pubbliku nazzjonali tal-Istat Membru indirizzat, rilevanti f'din il-kawża u invokata minn J [22].

b) Fuq ir-raġuni għal rifjut ta' eżekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 1215/2012 ibbażata fuq il-kontrarjetà mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru indirizzat

28. Fir-rigward tal-kunċett ta' "ordni pubbliku" stabbilit fl-Artikolu 45(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, dan tal-aħħar għandu, kif issemma, jiġi interpretat b'mod strett billi jikkostitwixxi ostakolu għat-twettiq ta' wieħed mill-għanijiet fundamentali ta' dan ir-regolament u għandu jidħol biss f'każijiet eċċezzjonali. Għalkemm l-Istati Membri jibqgħu, fil-prinċipju, liberi li jiddeterminaw, bis-saħħa tar-riżerva mdaħħla f'din id-dispożizzjoni, skont il-kunċetti nazzjonali tagħhom, ir-rekwiżiti tal-ordni pubbliku tagħhom, il-limiti ta' dan il-kunċett jaqgħu taħt l-interpretazzjoni tal-imsemmi regolament. Għalhekk, filwaqt li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddefinixxi l-kontenut tal-ordni pubbliku ta' Stat Membru, hija madankollu r-responsabbiltà tagħha li tikkontrolla l-limiti li fihom il-qorti ta' Stat Membru tista' tirrikorri għall-imsemmi kunċett sabiex ma tirrikonoxxix deċiżjoni maħruġa minn Stat Membru ieħor [23].

29. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, billi jipprojbixxi r-reviżjoni fuq il-mertu tad-deċiżjoni barranija, l-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 1215/2012 jipprojbixxi lill-qorti tal-Istat Membru indirizzat milli tirrifjuta r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni għar-raġuni biss li teżisti diskrepanza bejn ir-regola tad-dritt applikata mill-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini u dik li kienet tapplika il-qorti tal-Istat Membru indirizzat li kieku kienet ġiet adita bil-kawża. Bl-istess mod, il-qorti tal-Istat Membru indirizzat ma tistax tikkontrolla l-eżattezza tal-evalwazzjonijiet legali jew fattwali magħmula mill-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini. Għaldaqstant, li wieħed jirrikorri għall-eċċezzjoni ta' ordni pubbliku huwa konċepibbli biss fil-każ li r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor ikunu f'kunflitt inaċċettabbli mal-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru indirizzat, peress li dan ikun jikser prinċipju fundamentali. Sabiex tiġi osservata l-projbizzjoni tar-reviżjoni fuq il-mertu tad-deċiżjoni barranija, il-ksur għandu jikkostitwixxi vjolazzjoni manifesta ta' regola tad-dritt meqjusa bħala essenzjali fl-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru indirizzat jew ta' dritt irrikonoxxut bħala fundamentali f'dan l-ordinament ġuridiku [24].

30. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi eżaminat jekk l-elementi indikati mill-qorti tar-rinviju humiex tali li jistabbilixxu li l-eżekuzzjoni tad-digriet tal-20 ta' Marzu 2019 tal-High Court of Justice tkun tikkostitwixxi ksur manifest tal-ordni pubbliku Awstrijak, fis-sens tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament Nru 1215/2012. Dawn l-elementi jirrigwardaw il-ksur, mill-kumpless legali indisassoċjabbli li jikkostitwixxi din id-deċiżjoni u ċ-ċertifikat li jakkumpanjaha, ta' regola ta' dritt sostantiv, jiġifieri l-applikazzjoni manifestament żbaljata tal-Artikolu 2(a) u tal-Artikolu 39 ta' dan ir-regolament li jeżiġu li d-deċiżjoni, li l-eżekuzzjoni tagħha tintalab, tingħata fi Stat Membru u li għalhekk jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' dan l-att fir-rigward tad-deċiżjonijiet ikkonċernati.

22 Ara l-punt 18 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

23 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, Meroni (C-559/14, EU:C:2016:349, punti 38 sa 40).

24 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, Meroni (C-559/14, EU:C:2016:349, punti 41 u 42).

31. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ttrattat sitwazzjoni li fiha jiġi allegat il-ksur manifest ta' regola ta' dritt tal-Unjoni u aċċettat il-verifika tal-eżistenza ta' tali ksur fid-dawl tal-integrazzjoni fl-ordinament ġuridiku tal-Istati Membri tad-dritt tal-Unjoni u tal-missjoni tal-qorti nazzjonali, qorti tal-Unjoni tad-dritt komuni, biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni. Huwa għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku hija applikabbli sa fejn l-iżball ta' liġi inkwistjoni jkun jimplika li r-rikonoxximent, jew l-eżekuzzjoni f'dan il-każ, ikun iwassal għall-ksur manifest ta' regola essenzjali tad-dritt fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u għalhekk ta' dan l-Istat Membru [25].

1) Fuq il-ksur manifest ta' regola ta' dritt tal-Unjoni

32. Filwaqt li bbażat ruħha fuq it-termini tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Owens Bank [26], il-qorti tar-rinviju tqis li r-Regolament Nru 1215/2012 ma jistax japplika għad-deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini wara azzjoni għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija fi Stat terz (*actio judicati*) u li tirriżulta minn kontroll sommarju li jikkonsisti fil-verifika ta' jekk dawn is-sentenzi tabilħaqq kinux jobbligaw lil min jissellef iħallas lill-bank li jsellef ċerta somma, mingħajr ma r-relazzjoni legali fil-bażi tad-dejn irrikonoxxut mill-imsemmija sentenzi ma tkun is-suġġett ta' eżami fil-mertu. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [27], kif emendata, ma tapplikax għall-proċeduri jew għall-problemi li jinqalgħu fil-qafas ta' proċeduri li jsiru fi Stati Kontraenti dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija f'materji ċivili u kummerċjali fi Stati terzi. Din is-soluzzjoni jidhirli li għandha tiġi trasposta f'din il-kawża.

33. L-ewwel, għandu jitfakkar li mill-kliem proprju tal-Artikolu 2(a) u tal-Artikolu 39 tar-Regolament Nru 1215/2012 jirriżulta li l-proċeduri ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni previsti fil-Kapitolu III ta' dan ir-regolament japplikaw biss fil-każ tad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru. Fir-rigward tar-regoli ta' ġurisdizzjoni, għandu jiġi kkonstatat li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 1215/2012, adottati abbażi tal-Artikolu 81 TFUE bħala meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ma jistabbilixxux il-post tal-*forum* dovut għall-proċeduri għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi mogħtija fi Stat terz [28].

34. Sussegwentement, għandu jsir eżami tas-suġġett tal-proċedura mibdija quddiem il-qorti tal-oriġini sabiex jiġi ddeterminat jekk din kinitx intiża li toħloq il-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni forzata ta' deċiżjoni ġudizzjarja mogħtija f'materja ċivili u kummerċjali fi Stat terz [29]. F'dan ir-rigward, l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, imfakkar preċedentement f'dawn il-konklużjonijiet, tiġġustifika, fil-fehma tiegħi, risposta pożittiva [30].

35. Għalkemm il-konvenuta fil-kawża prinċipali ma taqbilx mal-preżentazzjoni tal-proċedura inizjali mwettqa mill-qorti tar-rinviju, madankollu hija tirrikonoxxi b'mod ċar li din hi tabilħaqq azzjoni, irregolata minn regoli proċedurali speċjali tal-common law, ibbażata fuq deċiżjonijiet

[25] Sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Diageo Brands (C-681/13, EU:C:2015:471, punt 48 u 50).

[26] Sentenza tal-20 ta' Jannar 1994, Owens Bank (C-129/92, EU:C:1994:13).

[27] ĠU 1972, L 299, p. 32.

[28] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 1994, Owens Bank (C-129/92, EU:C:1994:13, punti 17 u 23).

[29] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 1994, Owens Bank (C-129/92, EU:C:1994:13, punt 13).

[30] Fil-punt 10 tal-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni indikat li d-digriet maħruġ mill-qorti tal-oriġini ngħata wara proċedura sommarja dwar l-eżekuzzjoni ta' żewġ sentenzi miksuba fil-Ġordan. Hija semmiet ukoll, fil-punt 36 ta' dawn l-osservazzjonijiet, li l-għan tal-proċedura mmexxija minn din il-qorti kien limitat għall-eżami tal-eżistenza ta' obbligu ta' ħlas ibbażat fuq sentenza definittiva fir-rigward tal-konvenut għall-eżekuzzjoni.

ġudizzjarji finali ta' Stat terz u li jippermettu sentenza sommarja mogħtija fi tmiem proċedura mhux kompleta, peress li d-difiża ma għandha l-ebda ċans reali ta' suċċess [31]. Minbarra r-riferimenti għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kunċett stess ta' "deċiżjoni", fir-rigward tas-sustanza tagħha, il-kunsiderazzjonijiet skont liema l-proċedura inizjali kienet kontradittorja u l-qorti tal-oriġini eżaminat l-oġġezzjonijiet tad-debitur (nuqqas ta' *locus standi*, frodi tas-sentenza, assenza ta' mandat tal-avukat tal-istituzzjoni ta' kreditu u talba għal tpaċija ta' dejn) huma irrilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-għan tal-proċedura [32]. L-allegazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu li s-sentenzi Ġordaniżi ma kinux eżekuttivi fir-Renju Unit u fl-Awstrija ssostni biss, fil-fehma tiegħi, il-konklużjoni li l-proċedura quddiem il-qorti tal-oriġini kienet tassew intiża li toħloq, fl-ewwel Stat iċċitat, il-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni forzata ta' dawn is-sentenzi.

36. F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini u ċ-ċertifikat li jakkumpanjaha, kumpless legali indisassoċjabbli, jiksru b'mod ċar l-Artikolu 2(a) u l-Artikolu 39 tar-Regolament Nru 1215/2012. Jibqa' biex jiġi ddeterminat jekk dawn ir-regoli humiex ta' natura essenzjali kif teżiġi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

2) Fuq in-natura essenzjali tar-regola tad-dritt inkwistjoni

37. Nirrileva li, b'differenza għas-sentenza Diageo Brands, l-iżball magħmul mill-qorti tal-oriġini rrigwarda mhux dispożizzjoni ta' dritt sostantiv li tifforma parti minn direttiva ta' armonizzazzjoni minima, li l-għan tagħha huwa li tarmonizza parzjalment il-leġiżlazzjonijiet differenti tal-Istati Membri fil-qasam tat-trade marks [33], iżda dispożizzjonijiet ta' regolament. F'dan ir-rigward, il-premessa 6 tar-Regolament Nru 1215/2012 tippreċiża li sabiex jintlaħaq l-għan tal-moviment liberu tad-deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali, huwa meħtieġ u xieraq li r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ikunu ddeterminati minn strument legali vinkolanti u applikabbli direttament tal-Unjoni.

38. Ir-Regolament Nru 1215/2012, li l-bażi legali tiegħu hija l-Artikolu 67(4) TFUE li għandu l-għan li jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari permezz tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, jimmira, fil-qasam tal-kooperazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali, biex tissaħħaħ is-sistema ssimplifikata u effettiva tar-regoli ta' kunflitt, ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, stabbilita mill-istrumenti legali li jinsab fil-kontinwità tagħhom, sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni ġudizzjarja sabiex tikkontribwixxi għall-kisba tal-għan assenjat lill-Unjoni biex issir spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, ibbażat fuq il-grad għoli ta' fiduċja li jrid jeżisti bejn l-Istati Membri [34]. L-Artikolu 2(a) u l-Artikolu 39 tar-Regolament Nru 1215/2012 li jiddeterminaw il-portata tiegħu

[31] Ara l-punti 16, 25 u 27 tal-osservazzjonijiet ta' H Limited. Din tal-aħħar iżżid tgħid (punt 20) li kontrolli li jirrigwardaw l-ordni pubbliku, id-dritt għal smigħ fil-bidu tal-proċedura u l-ġurisdizzjoni indiretta tal-qorti barranija huma previsti mill-proċedura tal-common law inkwistjoni, li ssaħħaħ il-konstatazzjoni ta' assimilazzjoni tagħha ma' proċedura ta' *exequatur*. Dawn l-indikazzjonijiet jikkorrispondu mal-analiżi tal-proċeduri ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni skont il-common law fir-Renju Unit li tinsab fir-rapport magħmul minn P. Schlosser dwar il-Konvenzjoni tad-9 ta' Ottubru 1978 dwar l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għall-Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, kif ukoll għall-Protokoll dwar l-interpretazzjoni tagħha mill-Qorti tal-Ġustizzja (ĠU 1979, C 59, p. 71, punti 6 *et seq*).

[32] Dawn l-oġġezzjonijiet jikkorrispondu ma' kwistjonijiet anċillari indisassoċjabbli mill-proċedura ta' eżekuzzjoni li jagħmlu parti minnha. Infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza tal-20 ta' Jannar 1994, Owens Bank (C-129/92, EU:C:1994:13, punti 29 sa 37) li l-Konvenzjoni ta' Brussell ma kinitx applikabbli għall-proċeduri u "lanqas għal problemi li jinqalgħu fil-kuntest tal-proċeduri" li jseħħu fl-Istat Kontraenti fir-rigward tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi mogħtija fi Stati terzi.

[33] Sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Diageo Brands (C-681/13, EU:C:2015:471, punt 51).

[34] Sentenza tad-9 ta' Marzu 2017, Pula Parking (C-551/15, EU:C:2017:193, punt 53).

fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-qorti kkonċernati għandhom, fil-fehma tiegħi, jitqiesu li huma essenzjali sa fejn il-konformità magħhom hija essenzjali għat-twettiq tal-għan tal-Unjoni msemmi iktar ’il fuq [35].

39. Jiena nfakkar li l-kunċett ta’ “ordni pubbliku”, fis-sens tal-Artikolu 45(1) ta’ dan ir-regolament, għandu l-għan li jipproteġi l-interessi ġuridiċi li huma espressi permezz ta’ regola tad-dritt, li huma, f’dan il-każ, iż-żamma u l-iżvilupp ta’ spazju Ewropew ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja li jippromwovi l-moviment liberu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern [36]. Madankollu, l-implimentazzjoni ta’ sistema għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet imfassla għall-funzjonament tajjeb tal-Unjoni u tas-suq intern tagħha ma tistax twassal, minħabba difett oriġinali ta’ applikazzjoni, biex tobbliga lil Stat Membru jeżegwixxi sentenza mogħtija fi Stat terz, anki jekk il-kundizzjonijiet għal *exequatur* ta’ dan tal-aħħar ma jkunux, jekk ikun il-każ, issodisfatti fir-rigward tal-ordni pubbliku internazzjonali tal-Istat Membru indirizzat, u għalhekk jagħtu lil dan id-difett l-effett sħiħ tiegħu.

40. Is-soluzzjoni proposta [37] ma jidhirlix li tmur kontra s-sistema stabbilita mir-Regolament Nru 1215/2012. Minn naħa, għalkemm huwa inkontestabbli li r-Regolament Nru 1215/2012 huwa bbażat fuq prinċipju ta’ eżekuzzjoni diretta tad-deċiżjonijiet, immotivat mir-rieda tal-leġiżlatur Ewropew li jnaqqas it-tul u l-ispejjeż tat-tilwim transkonfinali, dan l-att madankollu pprovda għaż-żamma [38] u, b’ċertu mod, it-tisħiħ [39] tal-missjoni ta’ kontroll fdata lill-Istat Membru indirizzat. Min-naħa l-oħra, mhux talli ma jdgħajjifx il-fiduċja reċiproka tal-Istati Membri fil-qasam tal-ġustizzja, iżda talli l-“valv ta’ sigurtà” li jikkonsisti f’kontroll eventwali tal-applikabbiltà tar-Regolament Nru 1215/2012 fil-qafas tal-eżami tal-konformità tad-deċiżjoni mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru indirizzat huwa tali li jippreserva grad għoli tagħha.

3) Fuq ir-rekwiżit tal-eżawriment tar-rimedji ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-oriġini

41. Huwa stabbilit li l-punt 64 tas-sentenza tas-16 ta’ Lulju 2015, Diageo Brands (C-681/13, EU:C:2015:471), skont liema, ħlief f’ċirkustanzi speċjali li jagħmluha diffiċli wisq jew impossibbli li jiġu eżerċitati rimedji ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-oriġini, il-partijiet fil-kawża għandhom jagħmlu użu f’dan l-Istat Membru ta’ dawk ir-rimedji ġudizzjarji kollha disponibbli sabiex jiġi evitat mill-bidu ksur tal-ordni pubbliku u li tiġi diskussa ħafna d-determinazzjoni tal-portata preċiża tiegħu. Kuntrarjament għal dak li seta’ ġie invokat, il-kunsiderazzjonijiet preċedenti ma

[35] Ara, b’analoġija, is-sentenza tal-1 ta’ Ġunju 1999, Eco Swiss (C-126/97, EU:C:1999:269, punt 36).

[36] Ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta’ Ottubru 2014, flyLAL-Lithuanian Airlines (C-302/13, EU:C:2014:2319, punt 56).

[37] L-elementi li jinsabu fid-deċiżjoni tar-rinviju jistgħu jiżvelaw ksur ta’ regola essenzjali oħra tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-prinċipju tal-projbizzjoni ta’ frodi u ta’ abbuż ta’ drittijiet, li jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li għandu jiġi osservat mill-partijiet fil-kawża. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-applikazzjoni tar-regolamenti tal-Unjoni ma tistax tiġi estiża biex tkopri t-tranżazzjonijiet li jsiru bl-għan li jibbenefikaw b’mod frawdolenti jew abbużiv mill-vantaġġi previsti mid-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-28 ta’ Ottubru 2020, Kreis Heinsberg (C-112/19, EU:C:2020:864, punt 46)). Il-konstatazzjoni ta’ frodi hija bbażata fuq korp konkordanti ta’ evidenza li jistabbilixxi l-kombinazzjoni ta’ element oġġettiv u element suġġettiv. F’dan il-każ, minn naħa, l-element oġġettiv huwa kkostitwit mill-fatt li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 fir-rigward tad-deċiżjonijiet ikkonċernati ma humiex issodisfatti. Min-naħa l-oħra, l-element suġġettiv huwa kkostitwit mill-intenzjoni ta’ H Limited li tevita jew tevadi dawn il-kundizzjonijiet, permezz ta’ proċedura mmirata, fi Stat Membru mingħajr rabta apparenti ma’ J, li toħloq il-kundizzjonijiet ta’ eżekuzzjoni forzata ta’ żewġ sentenzi Ġordaniżi, bl-għan li jinkiseb il-vantaġġ marbut mal-applikazzjoni ta’ dan ir-regolament, jiġifieri eżekuzzjoni diretta ta’ dawn is-sentenzi fl-Awstrija, fejn huwa ddomiċiljat J. Din is-sitwazzjoni hija paragunabbli mal-kunċett ta’ “*exequatur* doppju”.

[38] Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-Proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (COM/2010/0748 finali) kienet tinkludi, minbarra l-abolizzjoni tal-*exequatur*, dik ta’ ksur manifest tal-ordni pubbliku fl-Istat Membru indirizzat bħala raġuni għan-nuqqas ta’ eżekuzzjoni tad-deċiżjoni meħuda fl-Istat Membru tal-oriġini. Fid-dawl tad-diskussjonijiet vivaċi msemmija li tqanqlu mit-tieni proposta u r-riżervi espressi minn diversi Stati Membri, il-leġiżlatur Ewropew finalment irrinunzjaha.

[39] Ara l-Artikolu 41(2) tar-Regolament Nru 1215/2012 għall-applikazzjoni possibbli ta’ raġunijiet għal rifjut jew sospensjoni tal-eżekuzzjoni previsti mil-liġi tal-Istat Membru indirizzat.

jistgħux jiġu analizzati bħala l-espressjoni ta' prekundizzjoni għall-eżami ta' raġuni ibbażata fuq il-ksur tal-ordni pubbliku. Huwa biżżejjed, f'dan ir-rigward, li wieħed jiffoka fuq il-kliem inekwivoku tal-punt 68 ta' din is-sentenza, li jgħid li meta tivverifika "l-eżistenza eventwali ta' ksur manifest tal-ordni pubbliku tal-Istat li fih ġie mfittex ir-rikonoxximent ta' sentenza, il-qorti ta' dan l-Istat għandha tieħu inkunsiderazzjoni" il-fatt li, ħlief għal każijiet partikolari li jrendu diffiċli wisq jew impossibbli l-użu tar-rimedji ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-oriġini, il-partijiet fil-kawża għandhom jużaw f'dan l-Istat Membru r-rimedji ġudizzjarji kollha disponibbli sabiex jipprevjenu mill-bidu ksur tal-ordni pubbliku. Ir-rekwiżit li jiġu eżawriti r-rimedji ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-oriġini huwa biss element wieħed tal-evalwazzjoni tar-raġuni għal rifjut ibbażata fuq il-kontrarjetà mal-ordni pubbliku [40].

42. Il-kwistjoni l-oħra mqajma mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija dik tal-portata tagħha fir-rigward tal-ordni pubbliku kkonċernat, proċedurali u/jew sostanzjali. Għandu jiġi kkonstatat li l-imsemmija sentenza ddur madwar żewġ elementi distinti b'mod ċar li jirrigwardaw il-ksur, minn naħa, tar-regola tad-dritt sostantiv inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, tal-garanziji proċedurali. Madankollu, l-iżvilupp li jirrigwarda l-eżawriment tar-rimedji ġudizzjarji jaqa' esklużivament fl-eżami ta' dan it-tieni element. Is-sinjifikat ta' din l-istess sentenza seta' ġustament jiġi deskritt bħala l-ġeneralizzazzjoni tal-verifika tal-eżerċizzju tar-rimedji ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-oriġini [41], diġà preżenti f'kawżi relatati mal-allegazzjoni ta' ksur ċar tad-dritt għal smigħ xieraq u għalhekk tal-ordni pubbliku proċedurali [42]. Inqis li l-ordni pubbliku internazzjonali sostantiv tal-Istat Membru indirizzat jesprimi, illum aktar mill-kontroparti proċedurali tiegħu, il-valuri essenzjali speċifiċi għal dan l-Istat tradotti f'regoli jew prinċipji legali li ma humiex neċessarjament kondiviżi mill-Istat Membru tal-oriġini. Għalhekk jista' jidher mhux xieraq li jintalab mill-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini li jkollha rwol li tiddefendi dawn il-valuri u li tissubordina għalihom il-konstatazzjoni tan-natura manifesta tal-ksur tal-ordni pubbliku tal-Istat Membru indirizzat.

43. Jibqa' l-fatt li, fil-każ ta' allegazzjoni ta' ksur ta' regola tad-dritt tal-Unjoni, dan l-argument jitlef ir-rilevanza tiegħu [43], li jimplika, fil-fehma tiegħi, il-verifika mill-qorti indirizzata tal-eżawriment tar-rimedji ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-oriġini. F'dan ir-rigward, ikun xieraq li tiġi vverifikata r-realtà taċ-ċirkustanzi partikolari li jagħmluha diffiċli wisq jew impossibbli li dawn jiġu eżerċitati, inkluż kontra l-att li joħroġ iċ-ċertifikat adottat fi tmiem proċedura ta' natura ġudizzjarja. Nirrileva li, filwaqt li tirreferi għall-proċedura inizjali fl-Istat Membru tal-oriġini, il-Kummissjoni tindika, fil-punt 29 tal-osservazzjonijiet tagħha, li t-talba biex jintlaqa' l-appell eċċezzjonali ppreżentat ġiet miċħuda mill-qorti tal-appell tar-Renju Unit.

[40] Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mis-sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, Meroni (C-559/14, EU:C:2016:349, punti 46 u 54). Fil-punt 54 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja torbot b'mod ċar il-konklużjoni sostantiva ta' nuqqas ta' ksur manifest tal-ordni pubbliku fl-Istat Membru indirizzat mal-konstatazzjoni li l-partijiet fil-kawża kkonċernati jkunu jistgħu jasserixxu d-drittijiet proċedurali tagħhom fil-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini.

[41] Pailler L., *Journal du droit international* "*Clunet*", nru 4, Ottubru 2016, 20.

[42] Ara s-sentenzi tat-2 ta' April 2009, Gambazzi (C-394/07, EU:C:2009:219, punti 42 sa 45) u tas-6 ta' Settembru 2012, Trade Agency (C-619/10, EU:C:2012:531, punt 61). Fis-sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, Meroni (C-559/14, EU:C:2016:349), huwa għal darba oħra fir-rigward tal-karatterizzazzjoni ta' kontrarjetà manifesta mal-ordni pubbliku formali li sseħħ il-verifika tar-rekwiżit li jiġu eżerċitati r-rimedji ġudizzjarji kollha fl-Istat Membru tal-oriġini.

[43] Infakkar hawnhekk l-integrazzjoni fl-ordinament ġuridiku tal-Istati Membri tad-dritt tal-Unjoni u l-missjoni tal-qorti nazzjonali, qorti tal-Unjoni tad-dritt komuni, li tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni.

3. Fuq ir-raġunijiet ta' rifjut ta' eżekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament Nru 1215/2012

44. Peress li l-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi dwar il-possibbiltà li tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni irrispettivament mill-konstatazzjoni ta' waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 1215/2012, għandu jiġi analizzat l-Artikolu 41(2) ta' dan ir-regolament li jgħid "[m]inkejja l-paragrafu 1, ir-raġunijiet għar-rifjut jew għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni skont il-liġi tal-Istat Membru indirizzat għandhom japplikaw sakemm ma jkunux inkompatibbli mar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 45". Ngħiduha kif inhi, il-kliem ta' din id-dispożizzjoni ma huwiex ikkaratterizzat mill-preċiżjoni tiegħu u jinkludi ċerta ambigwità minħabba l-użu tal-espressjoni "raġunijiet għar-rifjut […] tal-eżekuzzjoni" li jirreferi għall-kliem tal-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament Nru 1215/2012 [44], u l-ħtieġa li l-Artikolu 41(2) ta' dan ir-regolament jingħata effett utli timplika ovvjament nuqqas ta' identità tar-raġunijiet imsemmija f'dawn id-diversi dispożizzjonijiet.

45. L-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 1215/2012 jaqa' taħt it-Taqsima 2 tal-Kapitolu III ddedikat għall-eżekuzzjoni, distinta minn dik relatata mar-rifjut tal-eżekuzzjoni, u jgħid li l-proċedura ta' eżekuzzjoni hija rregolata mid-dritt tal-Istat Membru indirizzat. Deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru u li hija eżekuttiva fl-Istat Membru indirizzat tiġi eżegwita f'dan tal-aħħar taħt l-istess kundizzjonijiet bħal deċiżjoni mogħtija fl-Istat Membru indirizzat. Għalhekk qiegħda tiġi invokata il-proċedura ta' eżekuzzjoni vera u proprja li tista' tiġi implimentata direttament mill-benefiċjarju tas-sentenza inizjali, wara komunikazzjoni lill-awtorità kompetenti responsabbli għall-eżekuzzjoni ta' kopja tad-deċiżjoni u taċ-ċertifikat, fin-nuqqas ta' talba għal rifjut ta' eżekuzzjoni jew wara rifjut tagħha mill-qorti indirizzata.

46. Huwa fid-dawl ta' dan il-qafas proċedurali li għandu jinftiehem il-kontenut tar-raġunijiet għal rifjut ta' eżekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament Nru 1215/2012, kompitu partikolarment delikat minħabba l-fatt tal-varjetà wiesgħa tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' eżekuzzjoni u l-kontestazzjonijiet li jistgħu jitqajmu kontrihom. Bħala eżempji, huwa possibbli li jsir riferiment għal tilwim relatat mal-possibbiltà tal-qbid ta' ċerti oġġetti jew somom ta' flus, għall-ammont tad-dejn wara ħlasijiet jew kumpens li seħħew wara s-sentenza ta' kundanna, għall-irregolaritajiet li jistgħu jaffettwaw l-atti ta' eżekuzzjoni iżda wkoll l-eżistenza tat-titolu nnifsu minħabba l-effetti ta' preskrizzjoni estintiva jew in-natura eżekuttiva tiegħu.

47. Għandu jiġi enfasizzat li l-implimentazzjoni tar-raġunijiet mhux armonizzati għal rifjut ta' eżekuzzjoni tal-Artikolu 41(2) tar-Regolament Nru 1215/2012 hija doppjament inkwadrata, minn naħa, mill-projbizzjoni tar-reviżjoni fuq il-mertu tad-deċiżjoni mogħtija fl-Istat Membru tal-oriġini prevista fl-Artikolu 52 ta' dan ir-regolament [45] u, min-naħa l-oħra, mir-rekwiżit ta' kompatibbiltà mar-raġunijiet armonizzati elenkati fl-Artikolu 45 tal-imsemmi regolament f'lista eżawrjenti li ma tinkludix l-inosservanza tal-kamp ta' applikazzjoni sostantiv ta' dan l-att mill-qorti tal-oriġini [46].

[44] Mill-premessa 30 tar-Regolament Nru 1215/2012 jirriżulta li l-għażla ta' din it-terminoloġija hija spjegata minn kunsiderazzjonijiet proċedurali, jiġifieri t-tħassib tal-leġiżlatur Ewropew li jara kkonċentrat fl-istess proċedura, mibdija fuq talba tal-parti li kontriha hi mitluba l-eżekuzzjoni, l-eżami mill-qorti indirizzata tar-raġunijiet kollha li jippermettu l-oppożizzjoni għal din l-eżekuzzjoni, kif iddikjarat fl-Artikolu 41(2) u l-Artikolu 45 ta' dan ir-regolament. Ta' min ifakkar li, skont l-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 1215/2012, sa fejn il-proċedura ta' rifjut tal-eżekuzzjoni ma hijiex irregolata minn dan ir-regolament, din taqa' taħt il-liġi tal-Istat Membru indirizzat.

[45] L-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 1215/2012 jaqa' taħt it-Taqsima 4 tal-Kapitolu III ddedikata għad-dispożizzjonijiet komuni.

[46] Għandu jingħad ukoll li r-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament Nru 1215/2012 għandhom, bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 45 ta' dan ir-regolament, jiġu interpretati b'mod strett.

48. Infakkar li l-konstatazzjoni ta' raġuni għal rifjut ta' eżekuzzjoni msemmija fl-aħħar artikolu tirriżulta f'"newtralizzazzjoni" totali tad-deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini, li ma jistax ikollha l-effetti tagħha fl-Istat Membru indirizzat u għalhekk tkun is-suġġett ta' kwalunkwe miżura ta' eżekuzzjoni. Sabiex tiġi osservata n-natura eżawrjenti tar-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 1215/2012 u r-rekwiżit ta' kompatibbiltà msemmi iktar 'il fuq, raġuni fl-Artikolu 41(2) ta' dan ir-regolament ma għandux ikollha bħala għan li tpoġġi f'dubju l-aċċettabbiltà tat-titolu eżekuttiv innifsu, iżda tista' tirriżulta f'limitazzjoni possibbli tal-effetti tagħha u għalhekk restrizzjoni fuq l-eżekuzzjoni tiegħu.

49. F'dan il-kuntest, ma jistax jiġi aċċettat li l-qorti indirizzata tista', meta tevalwa raġuni għal rifjut ta' eżekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament Nru 1215/2012, tikkontrolla r-regolarità taċ-ċertifikat u għalhekk l-applikabbiltà ta' dan ir-regolament għall-azzjoni li wasslet għad-deċiżjoni, li jista' jwassal lil din il-qorti li ċċaħħad lil din tal-aħħar min-natura eżekuttiva tagħha.

V. Konklużjoni

50. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li d-domandi preliminari magħmula mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) jingħataw risposta kif ġej:

L-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-qorti tal-Istat Membru indirizzat, adita b'talba għal rifjut ta' eżekuzzjoni, tista' tilqagħha għar-raġuni li d-deċiżjoni u ċ-ċertifikat, previsti fl-Artikolu 53 ta' dan ir-regolament, adottati mill-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini jiksru l-ordni pubbliku tal-Istat Membru indirizzat jekk l-iżball ta' liġi invokat jikkostitwixxi ksur manifest ta' regola tad-dritt meqjusa bħala essenzjali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u għalhekk f'dak ta' dan l-Istat. Dan hu l-każ ta' żball li jaffettwa l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(a) u tal-Artikolu 39 tal-imsemmi regolament fejn jeżiġu li d-deċiżjoni li l-eżekuzzjoni tagħha hija mitluba tingħata fi Stat Membru.

Meta tivverifika l-eżistenza eventwali ta' ksur manifest tal-ordni pubbliku fl-Istat indirizzat, minħabba n-nuqqas ta' osservanza ta' regola sostantiva jew formali tad-dritt tal-Unjoni, il-qorti ta' dan l-Istat għandha tqis il-fatt li, ħlief f'ċirkustanzi speċjali li jagħmluha diffiċli wisq jew impossibbli li jiġu eżerċitati rimedji ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-oriġini, il-partijiet fil-kawża għandhom jagħmlu użu f'dan l-Istat Membru tar-rimedji ġudizzjarji kollha disponibbli sabiex jipprevjenu mill-bidu tali ksur.